



**Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni**

Is-Segretarju Ġenerali

Brussell, [data tar-reġistrazzjoni uffiċjali]
SGCab-D-269-2023

**Ir-reġjuni u l-bliet bħala xempji tal-valuri u l-prinċipji Ewropej!
Aktar opportunitajiet ta' kooperazzjoni mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**

Sinjur, Sinjura,

Kif taf, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) jirrappreżenta l-fehma ta' aktar minn miljun politiku elett fil-livell reġjonali u lokali, 300 reġjun u 90 000 muniċipalit  fl-Ewropa, u jikkontribwixxi għat-fassil tal-politika u għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE mill-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Fl-istess ħin, il-membri tal-Kumitat jikkontribwixxu biex l-Unjoni ssir aktar effettiva u jqarrbuha aktar lejn iċ-ċittadini billi jimplementaw il-liġi tal-UE u jikkomunikaw il-politiki tal-Unjoni fil-prattika.

Fid-diskors tiegħu dwar [L-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet fl-Unjoni Ewropea](#) fil-11 ta' Ottubru 2022, il-President Vasco Alves Cordeiro ta għieh lill-ħidma essenzjali li qed jagħmlu kuljum, kullimkien is-sindki, il-kunsilliera lokali, il-gvernaturi u l-ministri reġjonali, flimkien mal-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha madwar l-Unjoni.

L-attivit  politika tal-membri tagħna u l-għarfien tagħhom tat-territorju, bl-għeruq tagħhom fir-reġjuni u l-bliet, huma vantaġġ uniku u l-akbar saħħa tal-Kumitat. Il-membri tal-KtR huma multiplikaturi b'saħħithom fil-komunitajiet tagħhom u fl-assoċjazzjonijiet nazzjonali tagħhom tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Sabiex jinbnew sinerġiji u jiġu promossi l-iskambji tal-aħjar Prattiki, il-KtR qed irawwem is-sekondar ta' esperti nazzjonali u jħeġġeġ żjarat ta' studju limitati fiż-żmien għall-uffiċjali mill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Opportunitajiet għas-sekondar ta' esperti nazzjonali biex jiskopru l-ħidma tal-KtR minn g wwa u biex isaħħu l-kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-KtR

L-applikazzjoni għal pożizzjoni bħal din ser tippermetti lill-uffiċjali mill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jitgħallmu kif jaħdem korp konsultattiv tal-UE minn g wwa. Il-kollegi futuri tagħna ser jikkontribwixxu b'mod attiv għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE minn perspettiva differenti filwaqt li jżidu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-KtR.

Il-KtR joffri tliet tipi ta' sekondar (esperti nazzjonali barranin, esperti nazzjonali b'ċittadinanza Belġjana u sekondar bla spejjeż), minbarra żjarat ta' studju għal żmien qasir (ideali għall-uffiċjali tal-gvern dig  stabbiliti fi Brussell).

Matul sekondar mal-KtR, l-esperti nazzjonali kollha ser ikollhom l-opportunit :

- li jibbenefikaw minn programm imfassal apposta adattat kemm għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom kif ukoll għal dawk tal-KtR;
- li jkollhom ambjent tax-xogħol kompletament attrezzat, inkluż l-aċċess għan-networks, l-għodod ta' ħidma u l-programmi ta' taħriġ tagħna;
- li jaħdmu fuq inkarigu limitat fiż-żmien li jkun ta' beneficiċju kemm għall-KtR kif ukoll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- li jkunu involuti b'mod attiv fl-attivitajiet ewlenin tal-istituzzjoni;
- li jattendu s-sessjonijiet plenarji tal-KtR;
- li jaraw kif jitfasslu l-Opinjionijiet tagħna;
- li jiskopru kwalunkwe aspett ieħor tal-ħidma tagħna.

Min-naħa tiegħu, il-KtR jixtieq assistenza fl-organizzazzjoni ta' djalogi lokali fir-reġjuni tal-UE flimkien mal-membri u s-sostituti tagħna. Dan jippermetti li t-tħassib reġjonali tiegħek u l-vuċi tiegħek jinstemgħu b'mod adegwat meta jiġi diskuss il-futur tal-Ewropa sabiex il-forma u d-direzzjoni tagħha jirriflettu wkoll il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tar-reġjuni Ewropej.

Peress li l-possibiltajiet ta' sekondar li jinvolvi l-ħlas ta' indennizzi ta' kuljum huma limitati, inħeġġu bil-qawwa lill-gvernijiet lokali, reġjonali u nazzjonali biex jikkunsidraw sekondar bla spejjeż (jiġifieri mingħajr ma l-KtR iħallas xi indennizz addizzjonali lill-espert nazzjonali apparti s-salarju pprovdut mill-impjegatur tal-espert). Anke matul sekondar bla spejjeż, il-KtR jipprovdi lill-espert nazzjonali b'uffiċċju, work station/għodod ta' ħidma adatti, possibiltajiet ta' taħriġ, opportunitajiet ta' networking, u mentor apposta biex is-soġġorn tagħhom isir esperjenza produttiva u utli għalihom u għar-reġjun tagħhom.

Is-sekondar huwa limitat fiż-żmien (minimu ta' sitt xhur u massimu ta' sentejn, li jistgħu jiġġeddu sa erba' snin b'kollox).

Fl-2023 huwa mistenni li jimtlew diversi pożizzjonijiet ta' esperti nazzjonali ssekondati bla spejjeż. Il-kandidati potenzjali interessati f'sekondar mal-KtR huma ħielsa li jirreġistraw fi kwalunkwe ħin fuq [is-sit web tagħna](#). Huma jistgħu jagħżlu sa tliet profili/oqsma ta' interess li jixtiequ jaħdmu fihom (skont l-ordni ta' prijorità). Ir-rekwiżiti speċifiċi għal sekondar huma elenkati fl-Appendiċi 1 u 2. Jekk jogħġbok ikkonsulta l-[paġna tal-impjiegi tagħna](#) biex taqra d-Deċiżjoni dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali sekondati mas-servizzi tal-KtR.

Bħala membri u sostituti, nistiednek tgħaddi din l-ittra sabiex tilħaq għadd akbar ta' kollegi fl-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Ikun ta' pjaċir għalija li nilqa' lilek u lir-reġjun tiegħek fil-KtR u nistenna bil-ħerqa li nżidu l-kooperazzjoni tagħna. **Ejjew naħdmu flimkien biex nilqgħu l-isfidi tal-futur tal-Ewropa!**

Petr Blížkovský
“iffirmata elettronicament”

Appendiċi 1

Skont id-Deċiżjoni Nru 438/2015 dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali sekondati mas-servizzi tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Jekk jogħġbok ikkonsulta t-test sħiħ tad-Deċiżjoni Nru 438/2015 fil-[paġna tagħna dwar l-impjegati](#).

Kondizzjonijiet għas-sekondar:

L-impjegati ta' korpi lokali, reġjonali u nazzjonali jew ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi jistgħu japplikaw għall-post ta' espert nazzjonali sekondat. Però jridu jiġu sodisfatti diversi kundizzjonijiet.

L-applikanti jeħtiġilhom:

- ikunu impjegati minn amministrazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali jew minn organizzazzjoni intergovernattiva;
- irid ikollhom esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin full-time f'funzjoni amministrattiva, xjentifika, teknika, konsultattiva jew superviżorja;
- iridu jkunu ilhom jaħdmu mal-impjegatur attwali tagħhom għal mill-inqas tnax-il xahar;
- ikollhom għarfien sod ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea;
- ma jridux ikunu qabżu l-età ta' 66 sena waqt il-perijodu li fih ikunu sekondati;
- jkunu jistgħu jagħtu prova li min iħaddimhom ser jibqa' jħallas is-salarju tagħhom, iżomm l-istatus ta' impjegat stabbilit jew kuntrattwali tagħhom u jggarantixxi d-drittijiet soċjali u l-benefiċċji kollha tagħhom, b'mod partikolari dawk relatati mas-sigurtà soċjali u l-pensjoni, matul il-perjodu kollu tas-sekondar.

Appendiċi 2**Silta mid-Deċiżjoni Nru 188/2022 tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar ir-regoli applikabbli għall-iskemi ta' traineeships****Kapitolu III DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IŻ-ŻJARAT TA' STUDJU GĦALL-UFFIĊJALI TAL-GVERN****Artikolu 16 – Definizzjoni taż-żjarat ta' studju għall-uffiċjali tal-gvern**

16.1 L-iskema hija miftuħa għal persunal jew trainees minn awtorità pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali ta' Stat Membru tal-UE u tista' tagħti kemm lill-KtR kif ukoll lill-istituzzjoni li timpjega lill-uffiċjal l-opportunità li jtejbu l-opportunitajiet ta' kollaborazzjoni u networking. Barra minn hekk, l-uffiċjali li jipparteċipaw f'dan it-tip ta' skema ta' skambju jista' jkollhom l-opportunità li jiksbu għarfien dwar il-ħidma tal-KtR filwaqt li fl-istess ħin jiżviluppaw il-ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien tagħhom.

16.2 Mid-definizzjoni, huma biss it-traineeships Cicero li jitħallsu, fil-forma ta' għotja kif definita fl-Artikolu 11, filwaqt li ż-żjarat ta' studju għall-uffiċjali tal-gvern ma jitħallsux mill-KtR iżda mill-istituzzjoni li timpjega lill-uffiċjal. Madankollu, it-trainees uffiċjali tal-gvern jistgħu jkunu eliġibbli għall-miżuri soċjali skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(6).

Artikolu 17 – Kriterji ta' ammissjoni

17.1 Dan il-programm huwa maħsub primarjament għall-uffiċjali tal-gvern mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. L-uffiċjali tal-gvern jistgħu jiġu minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali.

17.2 L-uffiċjali tal-gvern li japplikaw għal żjara ta' studju jridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

- ikunu ċittadini tal-UE li jaħdmu għal awtorità pubblika nazzjonali, lokali jew reġjonali ta' Stat Membru tal-UE; madankollu, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, is-Segretarju Ġenerali jista' jagħti lill-applikanti minn pajjiżi mhux tal-UE l-possibbiltà ta' żjara ta' studju. Il-KtR jirriżerva d-dritt li jirrevoka l-offerta tiegħu u jagħżel kandidat adatt ieħor jekk, sal-bidu tal-perjodu taż-żjara ta' studju, il-kandidat ma jkunx wera li jissodisfa r-rekwiżiti skont il-liġi nazzjonali dwar l-immigrazzjoni għal residenza u xogħol legali fil-Belġju;
- ikollhom mill-inqas lawrja ta' Baċellerat (jew ikunu lestew nofs iċ-ċiklu ta' lawrja ta' Baċellerat meqjusa rilevanti għall-ħidma tal-KtR);
- jaħdmu f'pożizzjoni f'livell u b'kontenut li jikkorrispondi għad-dmirijiet imwettqa mill-persunal tal-UE fi ħdan il-KtR;
- jirċievu konferma ta' parteċipazzjoni mill-awtorità li timpjega lill-uffiċjal u l-qbil tiegħu għal żjara ta' studju fil-KtR, kif ukoll prova ta' finanzjament mill-awtorità li timpjega lill-uffiċjal għat-tul taż-żjara ta' studju;
- ikunu jittkellmu tajjeb bil-Franċiż jew bl-Ingliż.

Artikolu 18 – It-tul u l-bidu taż-żjarat ta' studju tal-uffiċjali tal-gvern

18.1 Żjara ta' studju għall-uffiċjali tal-gvern tista' ddum minn xahrejn sa sitt xhur. Id-Direttur inkarigat mir-Riżorsi Umani jista' jawtorizza estensjoni għal perjodu totali ta' tnax-il xahar.

18.2 Id-data li fiha għandha tibda ż-żjara ta' studju għandha tiġi miftiehma mal-parteċipant.

Artikolu 19 – Ġestjoni tal-proċess tal-għażla għaż-żjarat ta' studju tal-uffiċjali tal-gvern

19.1 Il-Kap tal-Unità jew id-Direttur tas-servizz rikjedenti huwa responsabbli biex jitlob żjara ta' studju ta' uffiċjal tal-gvern, skont il-proċedura interna fis-seħħ.

19.2 L-Uffiċċju tat-Traineeships huwa responsabbli għall-ġestjoni tat-talbiet għal żjarat ta' studju tal-uffiċjali tal-gvern, skont il-proċedura interna fis-seħħ.

19.3 L-awtorizzazzjoni biex tiġi permessa żjara ta' studju ta' uffiċjal tal-gvern tista' tingħata mid-Direttur responsabbli għar-Riżorsi Umani, skont il-proċedura interna fis-seħħ.

Artikolu 20 – Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għal żjara ta' studju għall-uffiċjali tal-gvern għandhom isiru permezz tal-formola ta' applikazzjoni online disponibbli fuq is-sit web tal-KtR.

Artikolu 21 – Assigurazzjoni

21.1 L-assigurazzjoni tas-saħħa hija obligatorja għall-individwi kollha li jieħdu sehem fiż-żjara ta' studju għall-uffiċjali tal-gvern u mhijiex ifffinanzjata mill-KtR. Il-prova tal-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa trid tiġi pprovduta mill-kandidat.

21.2 L-individwi kollha li jieħdu sehem fiż-żjara ta' studju għall-uffiċjali tal-gvern iridu jkunu assigurati wkoll kontra r-riskju ta' inċidenti, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-polza tal-assigurazzjoni tal-KtR. Il-KtR għandu jħallas l-ispejjeż kollha tal-primjum tal-assigurazzjoni korrispondenti.